# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 428/97

Gerald Said

vs

Il-Kmandant Forzi Armati ta' Malta.

Illum 10 ta' Lulju, 2002

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li permezz tieghu r-rikorrent semma illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u l-1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet u gie trattat b'mod diskriminatorju.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor kif gej:

1. Illi r-rikorrent kien impjegat mal-AFM, ghall madwar 35 sena u spicca bl-eta' fl-1989, bir-rank ta' Bombardier. Bejn wiehed u iehor xi sentejn qabel kienu hargu promozzjonijiet ghal surgenti izda huwa ma

kien inghata l-ebda wahda minnhom. Dawn il-promozzjonijiet, li hargu xi darbtejn, inghataw lil diversi nies li ma kellomx grad ta' edukazzjoni daqsu kif ukoll kienu Juniors tieghu.

2. Fl-1987 huwa applika ghal u nghata leave ghal xi xahar u nofs. Meta rega' dahal lura ghax-xoghol, sab li n-nies li kellu tahtu gew mitfuha f'workshop iehor, u huwa thalla wahdu. Meta talab sabiex jinghata xoghol iehor, ghax fejn kien ma kienx qieghed ikollu x'jaghmel xejn, il-Commanding Officer, il-Maggur Sansone, qallu li huwa ma setax jigi trasferit ghax xogholu kien bzonnjuz fejn kien. Meta huwa irrimarkalu li fejn kien ma kien qieghed jaghmel xejn, dan qallu li ma jistax icaqalqu minn fejn kien.

3. Minhabba dan it-trattament degradanti, huwa beda jaghmel f'qalbu u hassu jimrad ftit ftit, ghaldaqstant darba minnhom meta huwa ma setax jissaporti aktar, mar is-sick quarters jirraporta sick, u gie iccertifikat "sick at home".

4. Baqa' jgedded ic-certifikati tal-mard permess ta' tabib pajzan (dan ghaliex it-tabib tas-servizz ma jzurx pazjenti d-dar taghhom u huwa dejjem kien moghti parir mit-tabib sabiex ma johrogx) kull gimgha ghal 7 xhur shah. Wara dan iz-zmien gie t-tabib tal-Army u qallu li kien gie "on charge" ghaliex skond it-Tabib ta' l-Army hu kellu jitla' l-Barracks kull darba li jrid jirraporta sick. Meta deher quddiem is-C.O. dwar dan ic-charge, huwa provda ic-certifikati tal-mard kollha li kellu u c-charge gie "Dismissed".

5. Matul iz-zmien li dam marid gie mnehhi mit-Trade tieghu u poggewh fir-reserve trade, b'hekk huwa tnaqqsitlu l-paga. Semma ukoll li minhabba f'hekk sofra tnaqqis mill-pensjoni meta rtira mis-servizz.

6. Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni t'Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kkumpensat billi jinghata l-promozzjonijiet li kien haqqu u jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' ecepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

1. Illi billi r-rikorrent mhux daqstant cert mid-drabi li nghataw il-promozzjonijiet fil-perjodu li jaqa' taht l-Att VIII ta' l-1997, s'intendi qabel ma hu spicca mis-Servizz, wiehed ikollu jassumi li hu qed jirreferi ghall-promozzjonijiet li gew ippublikati fit-2 ta' Jannar 1989 u li kienu b'effett mill-11 ta' Jannar 1988.

2. Illi ghalkemm ir-rikorrent kien ghamel applikazzjoni biex iressaq l-ilment tieghu rigward il-promozzjonijiet quddiem l-ufficjal kmandant tieghu, dan qatt ma deher quddiemu. Ir-raguni ta' dan kienet li r-rikorrent kien assenti mix-xoghol fuq ragunijiet ta' sahha kull darba li nghata appuntament biex jidher quddiem l-ufficjal kmandant.

3. Illi fiz-zmien li kienu nghataw il-promozzjonijiet imsemmija, cioe' dawk b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent kien assenti mix-xoghol ghall-perjodi konsiderevoli minhabba ragunijiet ta' sahha.

4. Illi kuntrarju ghal dak li r-rikorrent qed jallega, dawk kollha li gew promossi u li kienu junior tieghu, kellhom livell ta' edukazzjoni daqs tar-rikorrent u fil-maggoranza taghhom kellhom livell oghla minn tieghu. Dan japplika wkoll ghal dak li huma snajja.

5. Illi r-raguni li fil-5 t'April 1989 ir-rikorrent ma kienx baqa' aktar intitolat ghal Working Trade Allowance u minflok intitolat ghar-Reserve Trade Allowance u dan s'intendi kien ifisser li hu na kienx aktar eliggibli ghat-Trade Allowance shiha cioe' intitolat ghal nofsha hija minhabba r-regola li kienet ezistenti dak iz-zmien u li r-rikorrent suppost kien jaf sew biha, li jekk wiehed ma jibqax jahdem fit-trade minhabba ragunijiet ta' sahha ghal aktar minn xahar, il-working trade allowance kienet tinqatalu u minflok tinghatalu r-Reserve li tammonta ghall-nofsha. Billi qabel ma r-rikorrent kien spicca mix-xoghol kien ghadu qed jigi ntitolat ghal nofs l-allowance cioe ghar-Reserve Trade Allowance, dan s'intendi irriflettitlu fil-penzjoni.

6. Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-

promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe', l-avviz legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, l-intimat sostna li dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors u zied li fl-1988 kien hemm min ha l-promozzjoni ghall-grad ta' surgent u li qabzu lilu min kellu anqas seniority anqas minnu u anqas edukazzjoni minnu. Semma li kellu third class education ta' l-Armata u kien hemm min lahaq surgent u anke staf sergeant u ma kellhomx skola daqsu.  Semma li hu meta rritorna lura ghax-xoghol ma kienx inghata x'jaghmel u kien ordnat joqghod f'kamra ma jaghmel xejn u kien hemm

li bdiet taqbdu d-depressjoni u tela' quddiem il-Commanding Officer Sansone u qallu li ma setax jibdillu postu u jnehhieh mill-kamra fejn kien qieghed ma jaghmel xejn, kawza ta' hekk qabditu d-depressjoni.

Wara sitt xhur marid gie t-tabib ta' l-armata u kienu hargulu charge izda giet dismissed ghaliex ma nstabx xejn kontra tieghu. Ilmenta dwar il-promozzjoni ta' Vidal u ta' Galea.

Xehed <u>Dr George Zarb</u> wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali mir-rikorrent li semma li r-rikorrent huwa klijent tieghu ghal hafna snin. Dana semma li r-rikorrent kien hemm zmien meta beda jbati minn dipressjoni u fil-fehma tat-tabib din kienet relattiva ghal fatt li ma kienx qed jiehu promozzjoni ta' kull darba, liema dipressjoni bdiet tiggravalu tant li anke saret kronika u anki bdiet taffetwalu qalbu u dan kien ghall-habta ta' 1987 u 1988. Kien ta attakk tal-qalb lir-rikorrent u ghalhekk ma setax jaghmel certu xoghol ta' strapazz. Infatti kellu jigi ezentat minn xoghol ta' strapazz ghax vera tkun saret hsara fil-kamp koronarju din tibqa' hekk ameno jekk ma jsirx intervent, u r-rikorrent ghad ghandu din il-kundizzjoni sal-gurnata tal-lum.

Il-kundizzjoni tar-rikorrent bdiet ghall-habta ta' l-1987 u 1988 u kompliet. Id-depressjoni uriet ruhha anki fizikament peress li mbaghad irreflettiet ruhha fl-angina u anki fi stress.

Xehed <u>Dr Robert Galea</u> tabib ta' l-armata li wkoll gie ezentat mis-sigriet professjonali, li semma li fl-1983 ir-rikorrent kellu xi chest pains u kien ntbaghat St Lukes jaghmel xi testijiet. Huwa kien qed ibati minn hiatus herma u kien ha 45 gurnata sick leave, izda meta rritorna ghax-xoghol rega' inghata 132 gurnata sick. Wara dahal bil-light duties. Kien

jilmenta b'ugigh f'sidru kkawzat minn hiatus herma. Fl-1988 ir-rikorrent rega' beda jkollu problemi b'ugigh f'sidru kif ukoll kellu element ta' ansjeta`. Fi Frar 1989 ir-rikorrent kien ghadda medical board imma kien gie deciz li r-rikorrent ma jistax jaghmel ghasses bil-lejl u anqas xoghol ta' strapazz. Kien qed ibati minn sturdament.

Xehed Lt. Col Louis Sansone li semma li r-rikorrent kien ghamel perjodu jaqa' taht ir-regiment tieghu. Semma li fl-1985 diga kien qieghed jaqa' taht ir-regiment tieghu. Ir-rikorrent kien jahdem fil-Welding Shop u bhala xoghol ir-rikorrent kien bniedem ta' l-affari tieghu. Semma li r-rikorrent kien ghamel zmien twil sick. Giet ezebita l-iskeda tal-promozzjonijiet in kwistjoni b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 li tinsab a fol 67 u 68 tal-process u minn din l-iskeda jirrizulta illi Said Gerald, ir-rikorrent inqabez minn 16-il persuna izda illi pero` 6 kellhom il-first class education waqt illi fost dawk illi qabzuh 8 kellhom is-second class education waqt li hu kellu t-third class education. Dawk li qabzuh u li kellhom it-third class education bhalu kienu Bombardier Victor Pace li wkoll kellu class 3 u Bombardier Mario Camilleri u cioe' kien hemm tnejn min-nies li qabzuh ghalkemm kellhom kwalifiki daqsu u bhala trade jidher li kien anke superjuri.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ikkunsidra li fil-fatt ir-rikorrent inqabez minn tnejn min-nies illi kellhom bhala Army Certificate of Education class 3 bhar-rikorrent waqt li trade anke anqas. It-Tribunal repetutament hass illi s-seniority hija element importanti hafna u ghandha ma tigix ikkunsidrata kif issemma fil-kaz Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Jirrizulta li Gerald Said kien ha kwantita' kbira ta' sick leave. Ma jidhirx li dan ghamlu kapricozament, izda wara li kien dahal minn 45 guranta sick leave kien rega' hareg b'130 gurnata ohra. Jidher li sfortunatament ghalih il-kundizzjoni fizika tieghu ma kenitx tippermettilu illi jista' jaghti l-kontribut necessarju ta' bniedem b'sahhtu biex jahdem fl-armata kif suppost. Jidher illi meta fil-fatt huwa seta' jahdem kien jaghti xogholu kif suppost, izda li sfortunatament minhabba l-kondizzjoni medika tieghu hu kellu juza hafna sick leave. Hu kien prova jiggustifika l-fatt tas-sick leave minhabba d-depressjoni li qabditu minhabba il-kundizzjonijiet ta' xoghol li spicca fihom izda dan jidher illi fil-fatt il-kundizzjoni fizika tieghu bdiet taghti problemi fin-1983 u li zgur ghalhekk il-problema bdiet ferm qabel id-data msemmija.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal ihoss ghalhekk illi l-intimat kien gustifikat li ma jaghtix il-promozzjoni lir-rikorrent u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.